IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2026
COM(2026) 414 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju taċ-Ċekja għall-2027-2030

u li tikkjarifika l-flessibbiltà permessa skont il-klawżola liberatorja nazzjonali fl-2027 u fl-2028

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju taċ-Ċekja għall-2027-2030

u li tikkjarifika l-flessibbiltà permessa skont il-klawżola liberatorja nazzjonali fl-2027 u fl-2028

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263, u b'mod partikolari l-Artikoli 17 u 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE[1] għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli kif ukoll tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti u l-prevenzjoni ta' defiċits eċċessivi tal-gvernijiet. Jippromwovi wkoll is-sjieda nazzjonali u għandu fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar aktar effettiv u koerenti tar-regoli.

(2) Il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li l-Istati Membri jissottomettu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni huma fiċ-ċentru tal-qafas ta' governanza ekonomika. Il-pjanijiet iridu jilħqu żewġ objettivi: i) jiżguraw li, *inter alia*, sa tmiem il-perjodu ta' aġġustament, id-dejn gross tal-gvern ikun fuq trajettora ta' tnaqqis plawżibbli, jew jibqa' f'livelli prudenti, u li d-defiċit tal-gvern jinġieb u jinżamm taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG fuq terminu medju, u ii) jiżguraw it-twettiq ta' riformi u ta' investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni. Għal dak il-għan, kull pjan irid jippreżenta impenn fuq terminu medju għar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta[2], li effettivament jistabbilixxi restrizzjoni baġitarja għad-durata tal-pjan, li

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj), flimkien mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tħaffif u l-kjarifika tal-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L, 209, 2.8.1997, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30), u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L, 306, 23.11.2011, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/85/2024-04-30).

[2] In-nefqa netta kif definita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/1263, jiġifieri n-nefqa netta tal-gvern ta' (i) nefqa fi mgħax, (ii) miżuri tad-dħul diskrezzjonali, (iii) nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni, (iv) nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, (v) elementi ċikliċi fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad u (vi) miżuri ta' darba u oħrajn temporanji.

jkopri 4 jew 5 snin (skont it-terminu regolari tal-leġiżlatura fi Stat Membru). Barra minn hekk, il-pjan għandu jispjega kif l-Istat Membru se jiżgura t-twettiq ta' riformi u ta' investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (inklużi dawk li jappartjenu għall-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi (MIP)), u kif l-Istat Membru beħsiebu jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni. Il-perjodu għall-aġġustament fiskali jkopri 4 snin, li jista' jiġi estiż b'sa massimu ta' 3 snin jekk l-Istat Membru jimpenja ruħu li jwettaq sett ta' riformi u investimenti rilevanti li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1263.

(3) Wara s-sottomissjoni tal-pjan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dan jikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/1263.

(4) Fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill irid imbagħad jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi r-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta fuq terminu medju tal-Istat Membru kkonċernat u, fejn applikabbli, irid japprova s-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li fuqu tissejjes l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali.

PROĊESSI RELATATI, INKLUŻ IL-PERKORS TAN-NEFQA NETTA RAKKOMANDATA TA' QABEL

(5) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju taċ-Ċekja[3]. Fit-8 ta' Lulju 2025, fuq talba taċ-Ċekja biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali biex takkomoda nfiq akbar fid-difiża, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni[4] li tippermetti liċ-Ċekja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2025/666, għall-perjodu 2025-2028.

(6) Fit-3 ta' Ġunju 2026, bħala parti mill-pakkett tas-Semestru Ewropew tar-Rebbiegħa 2026, il-Kummissjoni vvalutat il-konformità taċ-Ċekja mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta[5]. Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, ir-rata tat-tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta fl-2025, jiġifieri meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, kienet taħt it-tkabbir massimu fin-nefqa netta rrakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025. Fl-2026, it-tkabbir fin-nefqa netta proġettat f'termini kumulattivi matul l-2024, l-2025 u l-2026 qabeż il-massimu rrakkomandat b'0,1 % tal-PDG. Madankollu, id-devjazzjoni proġettata hija fil-flessibbiltà prevista mill-klawżola liberatorja nazzjonali bbażata fuq il-projezzjonijiet kurrenti għall-infiq fid-difiża (ara wkoll it-Tabella 3). Għalhekk, iċ-Ċekja ġiet ivvalutata bħala konformi mar-rata massima ta' tkabbir rakkomandata tan-nefqa netta fl-2025, u hija proġettata li tkun konformi fl-2026[6].

---

3 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju taċ-Ċekja, ĠU C, C/2025/666, 10.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/666/oj.

4 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti liċ-Ċekja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali), (ĠU C, C/2025/3962, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3962/oj).

5 Peress li ċ-Ċekja tibbenefika mill-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali, il-valutazzjoni tal-konformità ffokat fuq it-tqabbil tat-tkabbir fin-nefqa netta mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif irrakkomandat mill-Kunsill f'termini kumulattivi.

6 COM(2026) 200 final u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni COM(2026) 200, "Tabelli statistiċi fiskali li jipprovdu data ta' sfond li hija rilevanti għall-valutazzjoni tal-politiki baġitarji tal-Istati Membri", 3.6.2026.

(7) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill indirizza liċ-Ċekja sensiela ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew[7]. Wara s-sottomissjoni tal-pjan strutturali fiskali nazzjonali fuq terminu medju rivedut ivvalutat f'din ir-Rakkomandazzjoni, fl-10 ta' Lulju 2026, il-Kunsill indirizza liċ-Ċekja sett ġdid ta' CSRs[8].

KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PJAN FISKALI-STRUTTURALI NAZZJONALI FUQ TERMINU MEDJU TAĊ-ĊEKJA

(8) Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament 2024/1263, fil-każ ta' gvern maħtur ġdid, Stat Membru jista' jissottometti pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju rivedut. Wara l-elezzjonijiet ġenerali ġewwa ċ-Ċekja fit-3 u fl-4 ta' Ottubru 2025, ġie stabbilit gvern ġdid fil-15 ta' Diċembru 2025. Fit-22 ta' Ġunju 2026, iċ-Ċekja ssottomettiet il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut (minn issa 'l quddiem "il-pjan") lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2027 sal-2030.

Proċess qabel is-sottomissjoni tal-pjan ta' Ġunju 2026

(9) Qabel is-sottomissjoni tal-pjan tagħha, iċ-Ċekja talbet informazzjoni teknika[9], li l-Kummissjoni pprovdiet, skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1263, fit-28 ta' Mejju 2026 u li ppubblikatu fit-22 ta' Ġunju 2026[10]. L-informazzjoni teknika tindika l-bilanċ primarju strutturali fl-2030 li huwa proġettat li jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li d-defiċit tal-gvern estiż jinżamm taħt it-3 % tal-PDG fuq terminu medju u li d-dejn tal-gvern estiż jibqa' taħt is-60 % tal-PDG fuq terminu medju, fin-nuqqas ta' miżuri baġitarji ulterjuri lil hinn mill-perjodu ta' aġġustament ta' 4 snin. It-terminu medju huwa definit bħala l-perjodu ta' 10 snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament. L-informazzjoni teknika tħejjiet u ġiet trasmessa lill-Istat Membru skont żewġ xenarji: xenarju li jinkludi l-konsistenza mas-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit[11], f'konformità mal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2024/1263, u xenarju mingħajr din is-salvagwardja.

---

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji taċ-Ċekja, ĠU C, C/2025/3977, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3977/oj.

8 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji taċ-Ċekja, ĠU C, C/2026/XXXX, XX.X.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/20XX/XXXX/oj.

9 Gwida minn qabel trażmessa lill-Istati Membri u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tinkludi informazzjoni teknika i) mingħajr estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament u bih (li tkopri 4 u 7 snin, rispettivament), u ii) bis-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit u mingħajrha. Tinkludi wkoll il-kundizzjonijiet inizjali ewlenin u s-suppożizzjonijiet sottostanti użati fil-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni. L-informazzjoni teknika ġiet ikkalkulata abbażi tal-metodoloġija deskritta fid-*Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn 2023* (https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/debt-sustainability-monitor-2023_en) tal-Kummissjoni u l-irfinar sussegwenti tagħha maqbul fil-Grupp ta' Ħidma tal-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn (DSA). Din hija bbażata fuq it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni Ewropea u l-estensjoni tiegħu fuq terminu medju sal-2035, u t-tkabbir tal-PDG fit-tul u l-kostijiet tax-xuħija huma konformi mar-rapport konġunt tal-Kummissjoni u tal-Kunsill *2024 Ageing Report* (https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/2024-ageing-report-economic-and-budgetary-projections-eu-member-states-2022-2070_en).

10 https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-surveillance-eu-member-states/country-pages-including-country-reports/czechia/fiscal-surveillance-czechia_en

11 Is-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1263 tistabbilixxi li t-titjib annwali fil-bilanċ primarju strutturali huwa ta' 0,4 punti perċentwali tal-PDG (jew 0,25 punti perċentwali f'każ ta' estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament) sakemm id-defiċit strutturali jkun inqas minn 1,5 % tal-PDG.

(10) L-informazzjoni teknika għaċ-Ċekja tistabbilixxi li, sabiex tkun konformi mar-regoli fiskali applikabbli fuq perjodu ta' aġġustament ta' 4 snin, u abbażi tas-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni, il-bilanċ primarju strutturali għandu jammonta għal mill-inqas 0,5 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2030; xenarju mingħajr is-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit), skont it-Tabella 1. Għal informazzjoni, meta titqies ukoll is-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit, il-bilanċ primarju strutturali għandu jammonta għal mill-inqas 0,5 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2030). Madankollu, is-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit ma hijiex rekwiżit għaċ-Ċekja, li hija eliġibbli għall-informazzjoni teknika.

L-aħħar sena tal-perjodu ta' aġġustament	2030
Valur minimu tal-bilanċ primarju strutturali (% tal-PDG), xenarju li ma jinkludix is-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit	0,5
Għall-informazzjoni biss: Valur minimu tal-bilanċ primarju strutturali (% tal-PDG), xenarju bis-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit	0,5

Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni.

Tabella 1: Informazzjoni teknika pprovduta mill-Kummissjoni liċ-Ċekja

(11) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/1263, iċ-Ċekja u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom fi djalogu tekniku matul Mejju u Ġunju 2026. Id-djalogu tekniku ffoka fuq ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta previsti miċ-Ċekja u s-suppożizzjonijiet sottostanti tagħha, (b'mod partikolari l-projezzjonijiet tat-tkabbir tal-PDG, it-tkabbir reali tal-PDG u r-rata tal-imgħax nominali (impliċita)), kif ukoll fuq it-twettiq previst ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, is-sigurtà tal-enerġija u l-bini ta' kapaċitajiet tad-difiża.

(12) Skont l-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja fil-pjan tagħha, fis-6 ta' Mejju 2026, f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2024/1263, iċ-Ċekja kienet involuta fi proċess ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili, mas-sħab soċjali, mal-awtoritajiet reġjonali u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. Skont l-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja fil-pjan tagħha, ir-reviżjoni tal-pjan tħejjiet f'kooperazzjoni mal-ministeri rilevanti u ma' korpi oħrajn tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-Kunsill Fiskali Ċek. Barra minn hekk, fis-6 ta' Mejju 2026, saret diskussjoni madwar mejda dwar l-abbozz tal-pjan ma' rappreżentanti tal-impjegaturi, ma' trade unions, ma' esperti u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

SOMMARJU TAL-PJAN U L-VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI TIEGĦU

(13) F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2024/1263, il-Kummissjoni vvalutat il-pjan ta' Ġunju 2026 kif ġej:

Kuntest: is-sitwazzjoni u l-prospettiva makroekonomiċi u fiskali

(14) Il-PDG reali fiċ-Ċekja kiber bi 2,6 % fl-2025, xprunat kemm minn domanda domestika kif ukoll minn domanda esterna. Skont it-Tbassir tal-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni Ewropea, l-ekonomija mistennija tikber b'1,8 % fl-2026, u dan jirrifletti l-impatt tax-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija u kontribuzzjoni negattiva mill-esportazzjonijiet netti. Fl-2027, il-PDG reali huwa proġettat li jiżdied bi 2,4 %,

appoġġat minn konsum solidu tal-unitajiet domestiċi u tal-gvern, investiment, u kontribuzzjoni ogħla mill-esportazzjonijiet netti. Matul il-perjodu ta' tbassir (jiġifieri, 2026–2027), it-tkabbir tal-PDG potenzjali fiċ-Ċekja huwa mistenni li jonqos bi ftit, minn 1,6 % fl-2025 għal 1,5 % fl-2027, xprunat minn tnaqqis fir-ritmu tar-rata ta' tkabbir tal-popolazzjoni impjegata. Ir-rata tal-qgħad kienet 2,8 % fl-2025, u hija proġettata mill-Kummissjoni li tkun 3,1 % fl-2026 u 3,2 % fl-2027. L-inflazzjoni (id-deflatur tal-PDG) hija proġettata li tonqos minn 3,5 % fl-2025 għal 2,7 % fl-2026, u li tilħaq 3,1 % fl-2027.

(15) Fir-rigward tal-iżviluppi fiskali, id-defiċit tal-gvern estiż taċ-Ċekja ammonta għal 2,1 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni Ewropea, id-defiċit huwa mistenni li jilħaq 2,8 % tal-PDG fl-2026 u, bis-soppożizzjoni li l-politiki ma jinbidlux, huwa mistenni li jiżdied ulterjorament għal 2,9 % tal-PDG fl-2027. Id-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni kienet l-4 ta' Mejju 2026[, jiġifieri, qabel ma ġie ppreżentat l-abbozz tal-baġit għall-2027 lill-parlament nazzjonali f'Settembru 2026: *dan it-test f'parentesi kwadri jeħtieġ li jiġi kkonfermat jew aġġustat f'Settembru fiż-żmien tad-diskussjoni fil-kumitati u trattament ulterjuri mis-segretarjat tal-Kunsill*]. Fi tmiem l-2025, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 44,3 % tal-PDG. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni Ewropea, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni li jiżdied għal 45,8 % tal-PDG fi tmiem l-2026 u huwa proġettat li jiżdied ulterjorment għal 47,2 % tal-PDG fi tmiem l-2027. Skont il-prattiki stabbiliti, it-tbassir fiskali mill-Kummissjoni ma jqisx l-impenji tal-politika fil-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju bħala tali, sakemm dawn ma jiġux sostnuti minn miżuri ta' politika konkreti mħabbra b'mod kredibbli u speċifikati biżżejjed.

Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi ewlenin fil-pjan ta' Ġunju 2026

(16) Il-pjan ikopri l-perjodu 2027-2030 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq 4 snin.

(17) Il-pjan fih l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2024/1263.

(18) Il-pjan jimpenja li jiġu rispettati r-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta indikati fit-Tabella 2 hawn taħt, li jikkorrispondu għal tkabbir medju annwali fin-nefqa netta ta' 3,2 % matul is-snin 2027-2030. L-informazzjoni teknika (jekk wieħed jassumi perkors ta' aġġustament lineari) hija konsistenti ma' tkabbir medju fin-nefqa netta ta' 3,2 % matul il-perjodu ta' aġġustament (2027-2030). Il-perkors tan-nefqa netta impenjat fil-pjan huwa mistenni li jwassal għal bilanċ primarju strutturali ta' 0,3 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2030). Dan huwa inqas mil-livell minimu tal-bilanċ primarju strutturali ta' 0,5 % tal-PDG fl-2030 ipprovdut mill-Kummissjoni fl-informazzjoni teknika. Il-pjan jassumi li t-tkabbir tal-PDG potenzjali se jonqos għal 1,2 % fl-2030 (minn 1,6 % fl-2025). Barra minn hekk, il-pjan jistenna li r-rata ta' tkabbir tad-deflatur tal-PDG tonqos għal 3,3 % fl-2027 (minn 3,5 % fl-2025), qabel ma tonqos għal 2,4 % fl-2030.

Tabella 2: Tkabbir massimu fin-nefqa netta u suppożizzjonijiet ewlenin fil-pjan taċ-Ċekja(*)

	2026	2027	2028	2029	2030	Medja matul il-perjodu ta' validità tal-pjan

						2027-2030
Tkabbir fin-nefqa netta (annwali, %)	6,4	5,4	2,7	2,4	2,2	3,2
Tkabbir fin-nefqa netta (kumulattiv, mis-sena bażi 2025(**), %)	6,4	12,1	15,2	17,9	20,5	mhux applikabbli
Tkabbir potenzjali tal-PDG (%)	1,6	1,5	1,5	1,2	1,2	1,3
Inflazzjoni (tkabbir tad-deflatur tal-PDG) (%)	2,9	3,3	2,8	2,6	2,4	2,8

Sors: Il-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju taċ-Ċekja (Ġunju 2026) u l-kalkoli tal-Kummissjoni.

(*) Fil-pjan, qegħdin jiġu ppreżentati żewġ settijiet ta' suppożizzjonijiet makroekonomiċi, abbażi tat-Tbassir Makroekonomiku tar-Repubblika Ċeka (April 2026) u abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (Mejju 2026). It-Tabelli 3.4 u 3.5 fil-pjan jintużaw għall-valutazzjoni. (**) Ir-rati ta' tkabbir kumulattiv huma kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2025, l-aktar sena reċenti li għaliha hemm data fiskali tal-eżitu ppubblikata mill-istitut nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat.

(19) Il-pjan jistma li r-rata ta' tkabbir fin-nefqa netta fl-2026 kienet ta' 6,4 %. Din ir-rata ta' tkabbir hija rilevanti għad-definizzjoni tar-rati ta' tkabbir kumulattiv għall-2027-2030 murija fit-Tabella 2, billi s-sena bażi hija l-2025, l-aħħar sena li għaliha hemm data tal-eżitu ppubblikata mill-istitut nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat. Meta mqabbla mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025, it-tkabbir fin-nefqa netta għall-2026 proġettat fil-pjan, abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, jimplika devjazzjoni kumulattiva ta' 0,1 % tal-PDG sa tmiem l-2026, qabel ma titqies il-flessibbiltà prevista mill-klawżola liberatorja nazzjonali (ara t-Tabella 3). Wara li titqies il-flessibbiltà mill-klawżola liberatorja nazzjonali, id-devjazzjoni akkumulata proġettata tkun ta' -0,2 % tal-PDG (jiġifieri, taħt il-perkors irrakkomandat tan-nefqa fl-2026 wara li titqies il-flessibbiltà). Dan huwa l-istess bħal fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni fil-pakkett tas-semestru Ewropew tar-rebbiegħa 2026 (Ara l-premessa 6).

Tabella 3: Tkabbir fin-nefqa netta, devjazzjonijiet annwali u akkumulati fl-2025 u fl-2026 (proġettati) meta mqabbla mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025

		2025	2026	
Nefqa netta massima rakkomandata, annwali *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar*	% ta' bidla	**4,5**	**2,5**	
			COM	**MTP**
Nefqa netta, annwali	% ta' bidla	**4,9**	**6,4**	**6,4**
Devjazzjoni annwali*	% tal-PDG	0,2	1,5	1,5
Devjazzjoni akkumulata*	% tal-PDG	-1,4	0,1	0,1
Devjazzjoni akkumulata* wara l-flessibbiltà tal-Klawżola Liberatorja Nazzjonali (NEC)	% tal-PDG	-1,7	-0,2	-0,2

Id-devjazzjonijiet għall-2026 huma kkalkolati mis-servizzi tal-Kummissjoni, bis-suppożizzjoni ta' tkabbir fin-nefqa netta kif ipproġettat fit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (COM) u fil-Pjan Strutturali Fiskali

*ta' terminu medju taċ-Ċekja (Ġunju 2026) (MTP). * Valur pożittiv (negattiv) jindika li n-nefqa netta hija ogħla (inqas) mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.*

Implikazzjonijiet tal-impenji tan-nefqa netta tal-pjan għall-bilanċ tal-gvern

(20) Abbażi tal-pjan tar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta u s-suppożizzjonijiet, id-defiċit tal-gvern estiż jitjieb gradwalment minn 2,8 % tal-PDG fl-2026 għal 1,2 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2030), skont it-Tabella 4. Għalhekk, skont il-pjan, il-bilanċ tal-gvern mhux se jaqbeż il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2030). Barra minn hekk, fl-10 snin ta' wara l-perjodu ta' aġġustament (jiġifieri sal-2040), id-defiċit tal-gvern ma jaqbiżx it-3 % tal-PDG. Għalhekk, abbażi tal-impenji tal-politika u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-pjan, il-perkors tan-nefqa netta ppreżentat fil-pjan huwa konsistenti mar-rekwiżit għad-defiċit kif stabbilit fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263.

Implikazzjonijiet tal-impjenji tan-nefqa netta tal-pjan għad-dejn tal-gvern estiż

(21) Jekk jimmaterjalizzaw ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta impenjati fil-pjan u jekk jimmaterjalizzaw is-suppożizzjonijiet sottostanti, id-dejn tal-gvern estiż, skont il-pjan, jiżdied minn 45,8 % fl-2026 għal 46,6 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2030), skont it-Tabella 4. Fuq terminu medju, jiġifieri sal-2040, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni li b'mod ġenerali jistabbilizza sal-2032 skont il-pjan u jiżdied minn hemm 'il quddiem għal 52,9 % tal-PDG fl-2040. Għalhekk, skont il-pjan, id-dejn tal-gvern estiż jibqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG fuq terminu medju. Għalhekk, abbażi tal-impenji tal-politika u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-pjan, ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta mressqa fil-pjan huma konsistenti mar-rekwiżit għad-dejn kif stabbilit fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263.

Tabella 4: Id-dejn tal-gvern estiż u l-iżviluppi tal-bilanċ fil-pjan taċ-Ċekja

	2025	2026	2027	2028	2029	2030	2040
Id-dejn tal-gvern (% tal-PDG)	44,3	45,8	46,9	46,6	46,8	46,6	52,9
Bilanċ tal-gvern (% tal-PDG)	-2,1	-2,8	-2,8	-2,0	-1,6	-1,2	-3,0

Sors: Il-Pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju taċ-Ċekja (Ġunju 2026)

Suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-pjan

(22) Il-pjan huwa bbażat fuq sett ta' suppożizzjonijiet li huma differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni, li ntbagħtu liċ-Ċekja fit-28 ta' Mejju 2026. B'mod partikolari, il-pjan juża suppożizzjonijiet differenti għal sitt varjabbli, jiġifieri t-tkabbir tad-deflatur tal-PDG, it-tkabbir reali tal-PDG, ir-rata tal-imgħax nominali (impliċita), il-multiplikatur fiskali, l-aġġustament stokk-flussi, u dawk ta' darba. Id-differenzi fis-suppożizzjonijiet bl-aktar impatt sinifikanti fuq it-tkabbir medju massimu fin-nefqa netta huma elenkati u vvalutati hawn taħt.

- Il-pjan ivarja mill-gwida minn qabel tal-Kummissjoni f'żewġ aspetti li jikkonċernaw it-tkabbir tad-deflatur tal-PDG. L-ewwel nett, abbażi ta' tkabbir

preżunt ogħla tad-deflatur tad-domanda domestika, il-pjan jinkludi tkabbir tad-deflatur tal-PDG għall-2027 li huwa ogħla b'0,2 punt perċentwali milli fl-informazzjoni teknika pprovduta mill-Kummissjoni u abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-2026. Din is-suppożizzjoni titqies li ma hijiex debitament iġġustifikata; il-Kummissjoni ma hijiex konxja tar-rilaxxi jew tal-aġġornamenti tad-data li jiġġustifikaw reviżjoni mdaqqsa 'il fuq fl-istimi tad-deflatur tal-PDG għall-2027, meta mqabbla ma' dik fl-informazzjoni teknika. Barra minn hekk, l-aktar żviluppi makroekonomiċi reċenti (jiġifieri, it-tnaqqis aktar mgħaġġel milli mistenni tal-prezzijiet tal-komoditajiet tal-enerġija fl-2026) jindikaw tnaqqis inqas sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjoni tal-oġġetti fl-2027, li jnaqqas l-istimi tad-deflatur tal-PDG għall-2027. It-tieni, mill-2028, it-tkabbir tad-deflatur tal-PDG jikkonverġi aktar malajr u għal livell aktar baxx (2,0 %) minn dak li huwa preżunt taħt il-qafas komuni tad-DSA (2,3 %). Din is-suppożizzjoni aktar kawta milli fl-informazzjoni teknika hija spjegata fil-pjan billi tiġi preżunta konverġenza gradwali tal-inflazzjoni tal-prezzijiet bl-imnut għall-mira ta' 2 % tal-bank ċentrali Ċek sal-2032, u billi tiġi preżunta wkoll il-konverġenza tat-tkabbir tad-deflatur tal-PDG għal dan il-valur fl-2032 u li mbagħad tibqa' stabbli fil-valuri tal-2032 matul il-bqija tal-orizzont tal-projezzjoni. B'mod ġenerali, it-tkabbir medju tad-deflatur tal-PDG matul il-perjodu kollu tal-prospettiva (2027-2040) huwa aktar baxx fil-pjan milli skont is-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni, bi 2,2 % meta mqabbel ma' 2,6 % rispettivament. Għall-fini tat-tħejjija tal-pjan ta' terminu medju, is-suppożizzjoni għat-tkabbir tad-deflatur medju tal-PDG matul il-perjodu kollu ta' projezzjoni (2027-2040) għalhekk titqies prudenti u debitament iġġustifikata.

- Il-pjan jassumi li r-rata tal-imgħax nominali (impliċita) hija 0,2 punti perċentwali anqas bħala medja mis-suppożizzjoni tal-Kummissjoni għal matul il-perjodu tal-projezzjoni. Fil-kuntest tal-pjan ta' terminu medju, imgħax aktar baxx jippermetti żieda fin-nefqa primarja netta medja ogħla matul il-perjodu ta' aġġustament. Din id-devjazzjoni fir-rata tal-imgħax nominali (impliċita) tirriżulta minn suppożizzjonijiet aktar baxxi fir-rati tal-imgħax tas-suq matul il-perjodu ta' aġġustament għat-terminu qasir u fit-tul b'0,6 u b'0,8 punti perċentwali rispettivament, u dan jirrappreżenta suppożizzjonijiet aktar favorevoli meta mqabbla ma' dawk tal-Kummissjoni. Dan huwa spjegat bl-inkorporazzjoni ta' data aktar granulari kif ukoll bl-użu ta' metodu ta' tbassir differenti, li huwa bbażat fuq l-aspettattiva ta' stabbilizzazzjoni fir-rati tal-imgħax tas-suq f'konformità mal-perkors tar-rata ta' politika bażi tal-bank ċentrali. Dan l-approċċ ma huwiex konformi mal-qafas komuni tad-DSA.

Id-differenzi li jifdal fis-suppożizzjonijiet ma għandhomx impatt sinifikanti fuq it-tkabbir fin-nefqa netta medja meta mqabbla mas-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea. B'mod ġenerali, l-impatt ta' suppożizzjonijiet aktar kawti jikkanċella l-impatt tad-differenzi fis-suppożizzjonijiet li ma humiex konformi mal-qafas tad-DSA. B'mod ġenerali, id-differenzi kollha fis-suppożizzjonijiet meqjusin flimkien huma konsistenti ma' tkabbir medju massimu fin-nefqa netta li huwa daqs it-tkabbir medju massimu fin-nefqa netta implikat mill-informazzjoni teknika. Il-Kummissjoni Ewropea se tqis il-valutazzjoni ta' hawn fuq tas-suppożizzjonijiet tal-pjan fil-valutazzjonijiet futuri tal-konformità mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta.

Strateġija fiskali tal-pjan

(23) Skont l-istrateġija fiskali indikattiva fil-pjan, l-impenji fuq in-nefqa netta se jitwettqu prinċipalment kemm permezz ta' trażżin fl-infiq kif ukoll b'żidiet diskrezzjonali fid-dħul. Skont il-pjan, l-impatt pożittiv fuq id-dħul pubbliku għandu jirriżulta miż-żieda fl-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa u mit-trażżin tal-ekonomija sewda. Id-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika għandhom inaqqsu t-tkabbir tan-nefqa pubblika. Fl-aħħar nett, iż-żieda fit-tkabbir ekonomiku permezz ta' aktar investiment, innovazzjoni u modernizzazzjoni tal-infrastruttura għandha tappoġġa l-konsolidazzjoni fiskali f'termini nominali. Waħda mill-aktar miżuri sinifikanti mistennija hija s-sistema EET 2.0 li jmiss, jiġifieri r-reġistrazzjoni elettronika mmodernizzata tal-bejgħ, li hija mistennija li tnaqqas l-evażjoni tat-taxxa.

(24) L-ispeċifikazzjoni tal-miżuri ta' politika li se jiġu adottati għandha tiġi kkonfermata jew aġġustata u kkwantifikata fil-baġits annwali. Fl-istess ħin, hemm riskji għall-implimentazzjoni tal-istrateġija fiskali indikattiva fil-pjan, li jirriżultaw mill-profil temporali backloaded tal-aġġustament, miċ-ċiklu elettorali, u min-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-istrateġija fiskali intenzjonata fl-aħħar snin tal-pjan (kif ivvalutat hawn fuq).

Intenzjonijiet ta' riforma u investiment fil-pjan li jwieġbu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-indirizzar tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni

(25) Il-pjan jiddeskrivi l-intenzjonijiet tal-politika li jikkonċernaw ir-riformi u l-investimenti li jwieġbu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kif stipulat b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u f'konformità mal-prijoritajiet tal-Komunikazzjoni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE"[12]. Il-pjan jinkludi riformi u investimenti, li l-maġġoranza tagħhom huma appoġġati finanzjarjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jew mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Ir-riformi u l-investimenti tal-pjan huma bbażati fuq dokument ta' strateġija tal-gvern eżistenti ("Economic Strategy 'Czech Republic: A Country for the Future 2.0'"). Kif indikat hawn fuq, wara s-sottomissjoni tal-pjan ta' Ġunju 2026, il-Kunsill adotta r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026, [13] li għalhekk ma setgħux jiġu riflessi fil-pjan.

(26) Fir-rigward tal-prijorità komuni ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inkluż l-objettivi klimatiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119, il-pjan jinkludi miżuri, li wħud minnhom huma appoġġati mill-RRF. Il-miżuri relatati mal-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika huma inklużi fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tar-Repubblika Ċeka. L-aktar miżuri importanti jinkludu l-modernizzazzjoni tan-networks tad-distribuzzjoni ffukati fuq iż-żieda fil-kapaċità għall-konnessjoni ta' sorsi ġodda u l-installazzjoni ta' batteriji ta' kapaċità kbira, it-tnedija ta' infrastruttura ta' appoġġ inkluż iċ-Ċentru tad-Data dwar l-Enerġija, l-introduzzjoni ta' żoni speċjali għall-ħżin tal-enerġija u għall-infrastruttura tal-grilja, il-modernizzazzjoni tal-industrija u s-settur tat-tisħin permezz tal-programm "HEAT", u l-ħolqien ta' qafas legali komprensiv għall-istabbiliment u għall-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu u tal-infrastruttura tal-idroġenu fiċ-Ċekja (LEX IDROĠENU). Fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tal-bini, se jiġi introdott standard ġdid tal-enerġija għall-kostruzzjoni ppjanata u bażi tad-data

[12] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" tad-29 ta' Jannar 2025, COM(2025)30 final.

[13] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji taċ-Ċekja, ĠU C, C/2026/XXXX, XX.X.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/20XX/XXXX/oj.

ġdida tal-prestazzjoni tal-enerġija b'kapaċitajiet ta' wiri online. Fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, il-programm tal-Iffrankar Ekoloġiku l-Ġdid u l-Iffrankar Ekoloġiku tad-Dawl il-Ġdid, li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni profonda tal-bini, qegħdin jiġu emendati biex iżidu s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom u l-ingranaġġ u l-fokus fuq individwi b'introjtu baxx. Miżuri rilevanti oħrajn jinkludu l-elettrifikazzjoni tal-binarji ferrovjarji, is-sostituzzjoni ta' vetturi b'oħrajn aktar effiċjenti fl-emissjonijiet u l-appoġġ għall-akkwist u għall-operar ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Dawn il-miżuri huma relatati mar-Responsabbiltajiet Soċjali Korporattivi (CSRs) fil-qasam tal-politika tal-enerġija rinnovabbli, tal-infrastruttura u tan-networks tal-enerġija, tal-effiċjenza enerġetika, u tat-trasport sostenibbli. Fir-rigward tal-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali, l-aktar miżuri importanti jinkludu l-iżvilupp ta' networks diġitali b'kapaċità għolja, it-tnedija kontinwata ta' servizzi pubbliċi diġitali, u l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tan-negozji. Dawn il-miżuri huma relatati mas-CSRs tal-2025 fil-qasam tal-politika tal-amministrazzjoni pubblika, l-aċċess għall-finanzjament u l-finanzjament tat-tkabbir.

(27) Rigward il-prijorità komuni tar-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-pjan jinkludi miżuri, li wħud minnhom huma appoġġati mill-RRF u mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE+). Fir-rigward tal-isfidi għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, l-aktar miżuri importanti jinkludu programmi li jappoġġaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fin-negozji, b'fokus fuq it-teknoloġiji strateġiċi kritiċi u emerġenti, b'mod partikolari l-IA, u l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet fil-prattika tan-negozju f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Programmi oħrajn għandhom l-għan li jgħinu fl-iżvilupp tal-potenzjal ta' start-ups eżistenti bil-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni innovattiva bejn l-istart-ups Ċeki u l-ekosistemi tal-istart-ups ewlenin fid-dinja. Il-gvern jimplimenta wkoll bidliet fl-evalwazzjoni, u jiffaċilita l-kollaborazzjoni, tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka. Dawn il-miżuri huma relatati mas-CSRs tal-2025 fil-qasam tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Fir-rigward tal-isfidi għall-koeżjoni soċjali u territorjali, l-aktar miżuri importanti jinkludu ż-żieda fl-adegwatezza tal-pensjonijiet, is-simplifikazzjoni u t-tibdil tal-parametri tas-sistema tal-benefiċċji soċjali, u ż-żieda tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ġenituri, speċjalment tan-nisa, u ta' gruppi żvantaġġati permezz ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali. Miżuri rilevanti oħrajn jinkludu l-emenda ppjanata tal-Att dwar il-Kostruzzjoni li għandha l-għan li tħaffef il-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni, ir-riforma tas-suq tal-kiri, u l-qawmien mill-ġdid tal-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali. Dawn il-miżuri jikkonċernaw is-CSRs tal-2025 fl-oqsma tal-politika ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, inċentivi għall-parteċipazzjoni fix-xogħol u fis-suq tax-xogħol, in-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs, u l-akkomodazzjoni.

Fir-rigward tal-isfidi għas-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, l-aktar miżuri importanti jinkludu pjanijiet għat-tisħiħ tal-kapaċità u tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u t-titjib tal-kwalità tas-servizz pubbliku, iż-żieda fir-reżiljenza, fl-effiċjenza, fid-diġitalizzazzjoni u biżżejjed persunal fis-settur tal-kura tas-saħħa, u l-iżvilupp ulterjuri tal-kura fit-tul. Il-gvern jagħti prijorità wkoll lit-trażżin tax-xogħol illegali u lix-xogħol mhux iddikjarat. Dawn il-miżuri huma relatati mas-CSRs tal-2025 fil-qasam tal-politika tal-amministrazzjoni pubblika, id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi, u l-qafas baġitarju u l-governanza fiskali.

Fir-rigward tal-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, l-aktar miżuri importanti jinkludu ż-żieda fl-aċċessibbiltà u fil-kwalità tal-edukazzjoni preprimarja, it-tisħiħ tal-kwalità tal-professjoni tat-tagħlim u tal-ġestjoni tal-iskejjel, u ż-żieda fir-rilevanza tal-edukazzjoni sekondarja għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Fl-edukazzjoni terzjarja, l-aktar miżuri importanti jinkludu ż-żieda fir-rati ta' suċċess tal-istudenti, l-iżvilupp ta' programmi ta' studju strateġikament importanti, u r-rabta aħjar tal-universitajiet mas-setturi tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Dawn il-miżuri jikkonċernaw is-CSR tal-2025 fl-oqsma tal-politika tal-edukazzjoni, in-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs.

(28) Fir-rigward tal-prijorità komuni tas-sigurtà tal-enerġija, il-pjan jinkludi miżuri, uħud minnhom appoġġati mill-RRF. L-aktar miżuri importanti jinkludu emenda għall-Att dwar l-Enerġija li għandha l-għan li taċċellera l-kostruzzjoni ta' sorsi ta' sostituzzjoni għall-impjanti tal-enerġija bil-faħam li qed jiġu eliminati gradwalment. Il-programm ta' għotja "Investimenti Strateġiċi għal Ekonomija Newtrali għall-Klima" se jappoġġa *inter alia* żewġ proġetti fuq skala kbira dwar il-produzzjoni tal-batteriji u dwar l-estrazzjoni tal-materja prima kritika għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u t-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija. Dawn il-miżuri jikkonċernaw is-CSR tal-2025 fil-qasam tal-politika tal-enerġija rinnovabbli, tal-infrastruttura tal-enerġija u tan-networks. Il-gvern ikompli wkoll bl-espansjoni ppjanata tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Dukovany.

(29) Fir-rigward tal-prijorità komuni tal-kapaċitajiet tad-difiża, il-pjan jinkludi l-Att dwar il-Finanzjament tad-Difiża ppromulgat u l-Att emendat dwar ir-Regoli Baġitarji, li jirrikjedu li l-gvern jalloka mill-inqas 2 % tal-PDG għall-infiq fid-difiża u jippermetti lill-gvern iżid l-infiq fid-difiża għas-snin 2026 sal-2033 'il fuq minn 2 % tal-PDG, anke lil hinn mill-qafas tan-nefqa baġitarja approvata. Iċ-Ċekja talbet ukoll li tattiva l-klawżola liberatorja nazzjonali, li tippermetti flessibbiltà biex jiżdied l-infiq fid-difiża b'1,5 % tal-PDG fl-2025–2028. Dawn il-miżuri huma relatati mas-CSRs tal-2025 fil-qasam tal-politika tal-qafas baġitarju u tal-governanza fiskali.

(30) Il-pjan jipprovdi informazzjoni dwar il-konsistenza u, fejn xieraq, il-komplementarjetà, mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u mal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) taċ-Ċekja. Il-maġġoranza tal-miżuri inklużi fil-pjan huma ffinanzjati mill-fondi għall-politika ta' koeżjoni. Il-pjan (u l-anness rispettiv) jimmappja wkoll ir-riformi u l-investimenti mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u mal-RRP.

(31) Il-pjan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku taċ-Ċekja relatati mal-prijoritajiet komuni tal-UE. Fir-rigward tal-prijorità komuni ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inkluża l-konsistenza mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-ħtiġijiet ta' investiment jinkludu t-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija, l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet tal-bini, u l-iżvilupp ta' infrastruttura tan-network mobbli tal-5G. Sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza soċjali u ekonomika, iċ-Ċekja tippjana li twessa' l-provvista tas-servizzi pubbliċi diġitali, tinvesti fi start-ups innovattivi u f'kumpaniji li qegħdin jikbru, u żżid l-effiċjenza tal-kura tas-saħħa. Sabiex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija, iċ-Ċekja għandha l-ħsieb li tinvesti f'sorsi ta' enerġija nadifa.

Konklużjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni

(32) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-pjan taċ-Ċekja ta' Ġunju 2026 jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/1263.

KONKLUŻJONI ĠENERALI DWAR IL-PJAN RIVEDUT TAĊ-ĊEKJA U DWAR IL-FLESSIBBILTÀ PREVISTA MILL-KLAWŻOLA LIBERATORJA NAZZJONALI

(33) Din ir-rakkomandazzjoni tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-21 ta' Jannar 2025 fir-rigward tas-snin 2027 u 2028. Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta għall-2026, f'termini annwali u kumulattivi, fl-Anness I tar-Rakkomandazzjoni għadhom rilevanti għall-valutazzjoni tal-konformità sal-2026 u inkluż l-istess sena. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-konformità għall-2026 fil-kuntest tal-pakkett ta' sorveljanza tagħha tal-ħarifa 2026 u, abbażi tad-data tal-eżitu, fir-rebbiegħa tal-2027.

(34) F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1263, ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta impenjati fil-pjan ta' Ġunju 2026 għandhom jiġu rrakkomandati mill-Kunsill liċ-Ċekja.

(35) Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025, ir-rakkomandazzjoni kurrenti tiċċara l-ammont ta' flessibbiltà permess skont il-klawżola liberatorja nazzjonali għaż-żieda fin-nefqa fid-difiża[14] li tapplika fl-2027 u fl-2028. Għal dak il-għan, il-flessibbiltà massima ġenerali disponibbli fl-2027 u fl-2028 għandha tkun limitata għall-flessibbiltà li ma tkunx intużat fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni sostitwita tal-21 ta' Jannar 2025.

(36) B'mod ġenerali, meta Stat Membru jkun diġà għamel użu mill-flessibbiltà pprovduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali għan-nefqa fid-difiża, hija biss il-parti taż-żieda fin-nefqa fid-difiża bħala perċentwal tal-PDG mis-sena ta' referenza li hija ogħla mill-flessibbiltà diġà użata li tikkwalifika għall-flessibbiltà fis-snin li jifdal koperti mill-klawżola liberatorja nazzjonali. Barra minn hekk, f'każijiet bħal dawn, il-flessibbiltà massima disponibbli ta' 1,5 % tal-PDG għandha titnaqqas ukoll bl-ammont ta' flessibbiltà użata qabel. Fil-każ taċ-Ċekja, is-sena rilevanti għall-kejl tal-flessibbiltà użata hija l-2026, jiġifieri l-aħħar sena li għaliha tapplika r-Rakkomandazzjoni tal-21 ta' Jannar 2025. Skont il-Kummissjoni, qabel ma qieset il-flessibbiltà pprovduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali, fl-2026 in-nefqa netta ddevjat b'0,1 % tal-PDG f'termini kumulattivi mill-perkors tan-nefqa massima netta rrakkomandata mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025 (ara l-premessa 6). Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, l-infiq fid-difiża ffinanzjat f'livell nazzjonali fiċ-Ċekja huwa proġettat li jiżdied b'0,3 punti perċentwali tal-PDG bejn l-2021 u l-2026. Abbażi ta' dawn il-projezzjonijiet, id-devjazzjoni proġettata għall-2026 hija għalhekk mistennija li tkun fi ħdan il-flessibbiltà tal-klawżola liberatorja nazzjonali. Dan jikkorrispondi għall-użu proġettat tal-flessibbiltà ta' 0,1 % tal-PDG fl-2026. Madankollu, il-flessibbiltà reali użata fl-2026 li hija rilevanti għal din ir-rakkomandazzjoni tista' tiġi ddeterminata biss meta d-data tal-eżitu ssir disponibbli, fir-rebbiegħa tal-2027. Il-Kummissjoni se tikkalkula u se tikkomunika l-flessibbiltà massima disponibbli bbażata fuq id-data tal-eżitu fir-rebbiegħa tal-2027.

B'DAN TIRRAKKOMANDA LI:

(1) Iċ-Ċekja tiżgura li t-tkabbir fin-nefqa netta ma jaqbiżx il-massimi stabbiliti fl-Anness I ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(2) Sal-2028, iċ-Ċekja se titħalla taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-punt 1 ta' din ir-Rakkomandazzjoni, sal-punt li n-nefqa netta li taqbeż dawn ir-rati massimi ta' tkabbir ma tkunx aktar mill-minimu ta':

[14] Nefqa ġenerali fid-difiża tal-gvern skont il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG).

(a) id-differenza bejn iż-żieda fin-nefqa fid-difiża f'perċentwal tal-PDG mill-2021 u l-flessibbiltà użata sal-2026 skont ir-Rakkomandazzjonijiet tal-21 ta' Jannar 2025 u tat-8 ta' Lulju 2025; u

(b) d-differenza bejn 1,5 % tal-PDG u l-flessibbiltà użata sal-2026 skont ir-Rakkomandazzjonijiet tal-21 ta' Jannar 2025 u tat-8 ta' Lulju 2025.

Il-flessibbiltà użata sal-2026 għandha tiġi kkomputata u kkomunikata mill-Kummissjoni fir-rebbiegħa tal-2027 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2026.

(3) Fis-snin ta' wara l-2028, iċ-Ċekja xorta tista' titħalla tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta jew taqbiżhom kif stabbiliti minn Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 17, 19 jew 20 tar-Regolament (UE) 2024/1263, sal-punt li n-nefqa netta li taqbeż dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tkun relatata ma' konsenji ta' tagħmir militari kkuntrattati qabel tmiem l-2028 u tibqa' fil-limitu ġenerali imsemmi fil-punt 2.

(4) F'konformità mal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) 2024/1263, id-devjazzjonijiet mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill li huma permessi b'din ir-Rakkomandazzjoni ma humiex se jiġu rreġistrati bħala debiti fil-kont ta' kontroll taċ-Ċekja.

(5) Sabiex tiġi żgurata reġistrazzjoni korretta tan-nefqa addizzjonali, iċ-Ċekja għandha tinkludi data reali u ppjanata dwar in-nefqa totali fid-difiża (id-diviżjoni 02 tal-COFOG), inklużi l-investiment fid-difiża (id-diviżjoni 02 P.51 tal-COFOG) u kwalunkwe nefqa li għandha tiġi ffinanzjata mis-self tal-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) li ma hijiex koperta fil-COFOG-02:

(a) għas-snin T-4, T-3, T-2 u T-1 (bis-sena T tkun is-sena kurrenti), fir-rapportar lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009([15]);

(b) għas-snin 2021 sas-sena T (is-sena kurrenti), fil-pjanijiet strutturali-fiskali nazzjonali fuq terminu medju u fir-rapporti dwar il-progress annwali f'konformità mal-Artikolu 11(1), mal-Artikolu 15, u mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1263.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata liċ-Ċekja.

ANNESS I

Rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta
(rati ta' tkabbir annwali u kumulattiv, f'termini nominali)
Iċ-Ċekja

Snin		2027	2028	2029	2030
Rati ta' tkabbir (%)	Annwali	5,4	2,7	2,4	2,2
	Kumulattivi (*)	12,1	15,2	17,9	20,5

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1-9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/479/2014-09-01).

(*) Ir-rati ta’ tkabbir kumulattivi huma kkalkolati b’referenza għas-sena bażi tal-2025. Ir-rati ta’ tkabbir kumulattivi jintużaw fil-monitoraġġ annwali tal-konformità *ex post* fil-kont ta’ kontroll.
Nota: Għall-2026, ir-rati massimi annwali u kumulattivi ta’ tkabbir fin-nefqa netta stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta’ Jannar 2025 jibqgħu rilevanti u se jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-konformità mill-Kummissjoni abbażi tad-data tal-eżitu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President